MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 267/2005

**Maltacom plc (C 22334)**

**Vs**

**Edwin Caruana (ID 113454M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Novembru 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm547.78 (hames mija sebgha u erbghin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' (Lm547.78) hames mija sebgha u erbghin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 651124

(skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A, B u C)

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal-hlas izda baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-izpejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 17 ta’ Marzu 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ittra ufficjali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni kwinkwennali ghab-bazi ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.
2. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu l-ebda ammont ma hu dovut.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Art 2156 (7) tal-Kap 12.

Illi l-konvenut ma giex soggettat ghal gurament decizorju. L-ittra ufficjali datata 17 ta’ Marzu 2000 giet notifikata fit-30 ta’ April 2004.

Il-kawza odjerna giet prezentata fit-18 ta’ Jannar 2005. Allura huwa preskritt l-ammont li jmur lura sad-29 ta’ April 1999. Ai termini tal-fattura / kont esibit - a Fol 4 tal-process, mhux preskritti l-ammonti dovuti ghal perjodu mill-11 ta’ Mejju 1999 sal-20 ta’ Marzu 2000, ammontanti ghal Lm47.71 (sebgha u erbghin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu).

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta’ Lm47.71 (sebgha u erbghin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu) jichad it-talba attrici ghad-differenza u jilqa` l-ewwel eccezzjoni konvenuta limitatament ghad-differenza.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------